# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar iT-Tlieta 17 ta' Ottubru, 2000 .**

**Citazzjoni numru : 62/00G1(PC)**

**Carmel u Mary Jane konjugi Aquilina .**

**VS**

**Julian Camilleri .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi permezz ta' skrittura privata datata tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) (Dok. A) l-atturi sellfu lill-konvenut is-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000), li minnhom il-konvenut hallas lura s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) ;**

**Illi l-atturi ghad baqghalhom jiehdu minghand il-konvenut is-somma ta' hamest'elef u erba' mitt lira Maltin (LM5,400), oltre l-imghaxijiet kif indikati fl-istess skrittura hawn fuq imsemmija ;**

**Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-atturi b'ittra ufficjali f'Marzu tas-sena elfejn (2000) kif ukoll permezz ta' ittra interpellatorja fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) sabiex jaghmel il-pagament tas-somma hawn fuq insemmija, huwa baqa' inadempjenti ;**

**Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni ;**

**Illi ghaldaqstant l-atturi qed jipprocedu ghal din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili u qed jitolbu ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli**

**Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;**

2. **Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont ta' hamest'elef u erba' mitt lira Maltin (LM5,400) oltre l-imghaxijiet skond l-iskrittura privata tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) .**

3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma, bl-interessi fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha huwa debitament ingunt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Carmel Aquilina .**

**Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni, inkluza l-affidavit ta' l-istess Carmel Aquilina, minnu mahlufa u pprezentata ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut b'din ic-citazzjoni, liema notifika saret permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-gazzetti kif jirrizulta mill-istess atti processwali .**

**Semghet lill-attur Carmel Aquilina jixhed illum stess, fejn ikkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut, u li l-konvenut ma hallas ebda parti minnu fil-mori ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti ghal hekk, wara li rat ukoll l-iskrittura ta' self imsemmija fic-citazzjoni, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-konvenut Julian Camilleri, sabiex ihallas lill-atturi, is-somma indikata fic-citazzjoni, cioe' s-somma ta' hamest'elef u erba' mitt lira (LM5,400), bilanc minn somma akbar dovuta lill-istess atturi, a tenur ta' l-iskrittura illi ggib id-data tat-30 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997), prezentata bhala dokument "A" mac-citazzjoni, bl-imghaxijiet skond ma gie miftiehem fl-istess skrittura**

**privata, sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S6200Pc
524